Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 30/2016

**Caroline Medati**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

6 ta' Ottubru, 2017.

1. B'decizjoni tal-11 ta' Novembru, 2016, l-Arbitru cahdet appell ta' Caroline Medati li sar b'riferenza ghad-decizjoni tal-intimat li biha ordnalha tirrifondi s-somma ta' €24,314.95 li tirreferi ghall-ghajnuna socjali li rceviet bejn **id-29 ta' Gunju, 2008 u t-23 ta' Novembru, 2012**. Minn dak li fehmet il-qorti, jidher li d-decizjoni tal-intimat kienet bazata fuq il-fatt li r-rikorrenti kienet iddikjarat li qeghda tabita go fond u fir-realta rrizulta li ma kinitx.

2. L-aggravju tal-appellanti hu:

> *"27. Ghalhekk, u finalment ir-rikorrenti tafferma:*
>
> - *li kien minnu li ma kenitx qed tghix kontinwament fir-residenza taghha izda din kienet dejjem ir-residenza taghha.*
> - *Il-fatt li b'mod temporanju ma kenitx qed tghix fir-residenza ta' Pembroke ma jfissirx li tilfet id-dritt li ssejjah dan il-post bhala r-residenza taghha.*
> - *Il-mard li kellha kien tali li d-Diretttur kellu jaghmel interpretazzjoni kemmxejn wiesgha dwar ir-residenza u t-temporaneita' taghha.*
> - *Kull prova dwar dak li nstab fir-residenza wara Novembru 2012 hija prova li ma tistax tigi kkunsidrata billi ma kenitx tifforma parti mill-fatti li wasslu ghad-decizjoni tal-arbitru".*

3. L-appellat jirribatti wiegeb:

> *"15. Illi d-Direttur jaqbel ma' dak li qalet l-appellanta meta sahqet li '[l]-Ghajnuna Socjali li kienet il-pern ta' dan l-appell kien moghti lir-rikorrent biex tifforma familja ghal rasha', (vide r-rikors ta' appell, pagna numru 2, paragrafu 18) ghaliex fil-verita' din it-tip ta' ghajnuna tinghata solament lil dawk l-individwi li jissodisfaw ir-rekwiziti necessarji, inter alia, li persuna tkun qed tifforma familja ghal rasha jew li tkun kap ta' familja, sabiex ikunu jistghu jghixu hajja adegwata. Madanakollu, sforz il-problemi li l-appellanta bdiet taffaccja matul iz-zmien, fosthom: (i) il-posizzjoni finanzjarja prekarja u (ii) il-kundizzjonijiet li kienet tghix fihom ghaliex il-fond ma kienx ghadu adegwatament abitabbli, sfaw biex irrizultawlha fi problemi ta' sahha mentali, precizament depressjoni, u ghaldaqstant kienet tal-fehma li stante dawn ir-ragunijiet personali, l-appellanta kellha 'taghmel certu analizi u tiehu certu decizjonijiet' (vide r-rikors ta' appell, pagna numru 2, paragrafu numru 18) ghaliex ma kenitx f'kundizzjoni*

*li tibqa' tghix wahedha u ghaldaqstant marret tghix, skont l-appellanta,* ***temporanjament*** *fil-fond ta' ommha gewwa tas-Sliema.*

*16. Illi fl-opinjoni tad-Direttur din il-bidla tar-residenza tal-appellanta ma kienet xejn affattu temporanja ghaliex hekk kif gharbel sewwa l-arbitru:*

*'Illi ghalkemm Medati fl-appell taghha tghid li marret tghix biss temporanjament ma' ommha, il-perjodu ma giex ippruvat u certament medda ta' sitt snin ma jistax jigi kkunsidrat bhala 'temporanjament'. Hekk ukoll mid-dokumentazzjoni ezebita jidher li kien hemm relazzjoni turbulenti bejnha bejn ommha u l-appellanti stess ddikjarat illi hija mhux ghand ommha biss kienet tinqeda izda wkoll ghand persuni terzi illi ma gewx identifikati u wisq inqas ma ttellghux jixhdu. Ghalhekk galadarba l-appellant minhabba ragunijiet ta' sahha u minhabba li d-dar ma kenitx abitabbli u ma gabet ebda prova ta' fejn kienet qed tghix.' (vide d-decizjoni tal-arbitru numru 318/16).*

*17. Illi permezz tas-suespost, huwa ukoll ragjonevoli illi wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi l-appellanta ma kenitx qed tifforma familja ghal rasha. Il-kuntest ta' 'familja' gie diversi drabi spjegat fis-sentenzi nostrana, ezempju vide s-sentenza fl-ismijiet* ***Rita Cauchi vs Direttur tas-Sigurta' Socjali****, deciza nhar il-10 ta' Ottubru tal-2005. Fil-kaz odjern, ma kien hemm l-ebda prova ta' fejn fil-verita' l-appellanta kienet qeghda tghix b'mod kostanti u ghaldaqstant huwa difficli mmens jigi vverifikat jekk l-appellanta kenitx proprju qed tifforma familja ghal rasha jew le. Madanakollu kien verifikat fic-cert (permezz tal-ammissjoni tal-appellanta nnifisha mal-Ispettorat) li l-appellanta qatt ma kienet tirrisjedi fil-fond minnha ddikjarat mad-Dipartiment. Din il-posizzjoni nel frattemp tkompli tistghana bil-fatt illi l-appellanta fil-perjodu ta' bejn is-sena 2011 u l-2012, izzewget u ikkoabitat ma' Ahmed Saad Ahmed Abousmail gewwa r-residenza ta' ommha f'tas-Sliema. Dan jigi kkorraborat permezz tal-informazzjoni li d-Dipartiment ghall-Frodi u Investigazzjoni dwar Beneficcju kisbet mill-Common Database (CDB), kif ukoll mill-affidavit ta' omm l-appellanta nnifisha li matul l-istess affidavit naqset milli tikkumenta u/jew tivverifika l-verzjoni ta' bintha li din tal-ahhar kienet qed tirrisjedi maghha ghal zmien temporanju."*

4. Il-qorti qrat l-atti.

## Konsiderazzjoni.

5. Fil-25 ta' Gunju, 2008 l-appellanti applikat ghall-ghajnuna socjali. L-appellanti nfurmat lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li ma kinitx qeghda tghix m'ommha u l-indirizz il-gdid taghha kien 33, Pjazza Beatu Falzon, Pembroke, flimkien ma' binha. Fil-formola li ffirmat iddikjarat li l-familja hi komposta minnha u binha Jean Claude Medati.

6. Mill-provi li ngabru rrizulta li:

   i. Matul is-snin il-konsum tal-ilma fl-imsemmi fond kien kwazi xejn. Ghalkemm mhux prova konklussiva, din fiha nnifisha hi prova b'sahhitha li hadd ma kien qieghed ighix fil-fond.

ii. Fl-2011 l-appellanti bdiet tghix ma' certu Ahmed Saad Ahmed Abousmail fir-residenza ta' ommha. Fil-fatt huma zzewwgu f'Jannar 2012. Skont ma xehedet f'affidavit, kienet siefret mieghu lejn l-Egittu u damet tghix hemm ghal ftit tax-xhur. Meta rritornaw lura Malta, marru jghixu ghand ommha fejn damu ghal sitt xhur.

iii. Minn investigazzjoni li saret mid-Dipartiment tal-Frodi u Investigazzjonijiet dwar Beneficcji, irrizulta li l-appellanti ma kinitx qeghda tghix fl-imsemmi fond. Fil-fatt jirrizulta li ufficjali tad-Dipartiment tkellmu mal-appellanti waqt telefonata, li dak iz-zmien nzertat kien imsiefra Sqallija, u gharrfithom li qatt m'uzat il-fond bhala residenza permanenti u l-fond kien ghadu qieghed jigi rrangat. Hu veru li quddiem l-Arbitru l-appellanti kkonfermat li kienet tghix fil-fond li ddikjarat fl-applikazzjoni ghall-ghajnuna socjali. Madankollu l-provi juru mod iehor.

iv. Fir-rapport tal-investigazzjoni hemm dettalji dwar x'irrizulta lill-ispetturi meta fl-4 ta' Ottubru, 2012 marru fil-post. Mid-dettalji li nizzlu wiehed jista' jikkonkludi li probabbilment il-fond mhuwiex abitabbli, hekk per ezempju hemm fetha f'gallarija li ma fihiex bieb.

Dawn huma kollha fatti li jikkonfermaw li probabbilment l-appellanti ma kinitx tghix fil-fond dikjarat minnha fl-applikazzjoni ghall-ghoti tal-beneficcju u fejn suppost kienet qeghda tifforma familja ma' binha. Dan ifisser li fl-applikazzjoni l-appellanti ma ddikjaratx is-sewwa, u dan il-fatt wahdu ukoll iwassal biex ma tkunx intitolata tircievi l-beneficcju.

7. Kif tajjeb osservat l-Arbitru:

> *"d-dikjarazzjoni ta' residenza hija importanti ghal diversi ragunijiet fosthom sabiex id-Dipartiment ikun jista' jaghmel il-verifiki tieghu dwar il-kontinwazzjoni tal-validita' tac-cirkostanzi li permezz taghhom persuna tikkwalifika ghall-beneficcji. Ghal dan il-ghan beneficcjarju/a ghandu/ha obbligu tavza lid-Dipartiment f'kaz ta' bidla fir-residenza"*.

8. Il-qorti zzid li l-fatt li jista' jkun li kien hemm perjodi li matulhom l-appellanti ma setatx tghix wahedha minhabba ragunijiet ta' sahha, provi li f'kull kaz ma sarux, ma jfissirx li l-appellanti kellha d-dritt li tibqa' tircievi l-ghajnuna socjali li gie akkordata lilha bl-applikazzjoni li d-Dipartiment ircieva f'Gunju, 2008.

9. Ghalkemm fir-rapport tad-Dipartiment tal-Frodi u Investigazzjonijiet dwar Beneficcji jinghad li l-appellanti qaltilhom li ma kinitx taf li suppost tghix fil-fond li ddikjarat mad-Dipartiment, il-qorti ssibha difficli temmen verzjoni bhal din. Indirizz jinghata biex id-Dipartiment ikun jaf fejn qeghda tghix il-persuna li tkun applikat ghall-beneficcju. L-appellanti iddikjarat li dak kien l-indirizz taghha fejn suppost kienet qeghda tifforma familja ma' binha. Tant l-appellanti taf li dak kellu jkun l-indirizz ta' residenza li meta nbidel in-numru, marret tgharraf lid-Dipartiment (ara formola Taghrif ta' Tibdil ta' Cirkostanzi li

d-Dipartiment ircieva fit-22 ta' Settembru, 2008). Ladarba l-appellanti kienet qeghda tghix band'ohra, kellha l-obbligu li tgharraf lid-Dipartiment u f'dak l-istadju kien jigi determinat jekk kienx hemm bdil ta' cirkostanzi ohra, bhal per ezempju min kien qieghed ighix fl-istess fond. Cirkostanzi li jistghu jkunu ta' konsegwenza dwar l-*entitlement* taghha li tkompli tircievi l-beneficcji socjali bhala kap ta' familja jew l-ammont ta' beneficcji li kellha jedd ghalihom.

10. Min bhall-appellanti jircievi beneficcji socjali ghandu obbligu li jgharraf lid-Dipartiment b'tibdil ta' cirkostanzi (ara artikolu 97 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali, Kap. 318). Fl-applikazzjoni stess hemm stampat il-kliem: *"Nobbliga ruhi li ninforma minnufih lid-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali b'kull tibdil fic-cirkostanzi li jidhru hawn fuq"*. Dan jinkludi l-indirizz tar-residenza. M'hemmx ghalfejn li jibghat ghalih id-Dipartiment.

11. Jidher li d-Dipartiment ghandu nuqqas ta' rizorsi to *keep track* tan-nies li qeghdin jircievu xi forma ta' beneficcju. Minn dak li tara l-qorti, hafna mill-kazijiet jinqalghu minhabba li jsiru rapporti anonimi u mhux minhabba li d-Dipartiment jiehu inizjattiva u jaghmel *review* kull tant zmien. Hemm bzonn li jsir hafna iktar sabiex jinqata' l-abbuz.

12. Fl-appell li pprezentat quddiem l-Arbitru, l-appellanti argumentat li wara ftit taz-zmien li marret tghix fil-fond fuq imsemmi, temporanjament regghet marret tghid id-dar ta' ommha. Semmiet li dan aghmlitu minhabba qaghda finanzjarja prekarja, nuqqas ta' kumditajiet fil-fond, u minhabba li bdiet issofri minn disturbi mentali. Pero l-provi juru li fir-realta' sa mill-bidunett li applikat ghall-beneficcju, probabbilment ma kinitx qeghda tghix fil-fond.

13. Il-perjodu rilevanti hu ftit iktar minn erba' snin. Il-qorti ma tistax tonqos milli tirrileva kif l-appellanti naqset milli taghti rendikont car u dettaljat fejn kienet qeghda tghix matul dawk is-snin kollha. Kienet l-appellanti li kellha l-obbligu li taghti prova li fil-postijiet l-ohra fejn kienet qeghda tghix, kienet qeghda tifforma familja ma' binha u hi kienet il-kap tal-familja. Provi li ma sarux. Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2016 qalet:

> *"gieli kienet tmur ghand il-hbieb biex tiekol u tinhasel imma mhux torqod ghandhom. L-appellanti tghid li l-hwejjeg kienu jkunu fil-bagalja ' igorrhom dejjem maghha. L-appellanti tghid li ghand ommha kienet toqghod gurnata iva u ohra le. Gimgha hekk"*.

Pero ma ressqitx xhieda biex tikkorabora dak li qalet. Lanqas ma semmiet min huma l-hbieb taghha. Il-qorti tara bi tqila temmen li l-appellant ghamlet iktar minn erba' snin tghix hekk flimkien ma' binha.

14. **Konkluzjoni**: m'hemmx ragunijiet gravi li jwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li d-decizjoni tal-Arbitru kienet manifestament zbaljata.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell.**

**Billi l-appellanti kienet bl-ghajnuna legali, m'hemmx x'jinghad fir-rigward tal-ispejjez.**

Anthony Ellul.